MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**STQARRIJA GĦALL-MIDJA**

**ARM ASSET BACKED SECURITIES S.A. [“ARM”]**

L-Awtoritá għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta [“MFSA”] tixtieq taġġorna lill-pubbliku rigward l-aħħar żviluppi dwar il-prodott finanzjarju ARM.

Fl-istqarrija għall-midja tat-30 ta’ Settembru 2013, l-Awtorita spjegat kif ir-regolatur tal-Lussemburgu [CSSF] kien ikkonferma d-deċiżjoni li ma jagħtix liċenzja lill-ARM bħalha “*regulated securitisation undertaking*” skont il-liġi ta’ dak il-pajjiż, u li ma kienx hemm lok għal appell minn din id-deċiżjoni. Is-CSSF talbet lill-Qorti ta’ Lussemburgu biex tordna l-istralċjar u x-xoljiment ta’ ARM. Il-Qorti ta’ Lussemburgu għandha taħtar imħallef ta’ superviżjoni biex ikun responsabbli għall-likwidazzjoni ta’ l-ARM, u jaħtar ukoll likwidatur jekk aktar.

Kien hemm żviluppi mportanti wara din l-istqarrija tat-30 ta’ Settembru 2013 li, għalkemm għadu mhux ċar x’effetti se jkollhom, l-MFSA xorta tixtieq tinforma dwarhom lil min xtara minn dawn il-bonds.

ARM għamlet talba fil-qrati tar-Renju Unit sabiex l-ARM titqiegħed taħt arrangament volontarju u biex jinħatar likwidatur proviżorju fir-Renju Unit. Fl-14 ta’ Ottubru 2013, il-kumpannija avżat lill-bondholders li, fid-9 ta’ Ottubru 2013, Mark James Shawn u Malcolm Cohen ta’ BDO LLP, impriża ta’ awdituri u konsulenti professjonali, inħatru bħala likwidaturi ta’ ARM fuq ordni tal-High Court of Justice tal-Ingilterra u Wales.

Il-likwidaturi proviżorji għandhom il-poter esklussiv li jikkontrollaw u jamministraw in-negozju ta’ ARM, u ġew sospiżi l-poteri tad-Diretturi ta’ ARM. Il-likwidaturi proviżorji qed jaraw liema assi jappartjenu għal ARM, x’inhu l-valur ta’ dawn l-assi, kif ukoll kemm huwa dovut lill-kredituri.

Il-likwidaturi proviżorji nħatru fuq talba ta’ ARM fuq il-bazi li:

1. huwa ġust u ekwu li jsir hekk;
2. ARM hija insolventi;
3. ARM waqfet topera
4. l-interessi prinċipali tal-ARM huma fir-Renju Unit u għaldaqstant proċeduri ta’ insolvenza jistgħu jinbdew quddiem Qrati fl-Ingilterra.

F’dan l-istadju, ma hemmx ħtieġa li min għandu bonds tal-ARM jirreġistra l-interess jew it-talba tiegħu fil-likwidazzjoni proviżorja. Madankollu, bondholders għandhom isegwu kif qed jiżvolġi dan il-każ. Jista’ jkun li, f’xi stadju, min għandu bonds tal-ARM jista’ jintalab jirreġistra t-talba tiegħu, u bondholders jridu jkunu lesti li jagħmlu hekk.

Minħabba dawn l-iżvuluppi riċenti fir-Renju Unit, għadu mhux magħruf jekk il-proċeduri tal-istralċjar u x-xoljiment tal-ARM fil-Lussemburgu hux ser jitkomplew.

Bondholders għandhom jirreferu għal dawn il-links għal iktar tagħrif:

http://www.bdo.co.uk/services/business-restructuring/arm-asset-backed-securities-sa-provisional-liquidators-appointed

http://www.rns-pdf.londonstockexchange.com/rns/8933Q_-2013-10-18.pdf

http://www.rns-pdf.londonstockexchange.com/rns/5206Q_-2013-10-15.pdf

**Communications Unit**
**Awtoritá Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**22 ta' Ottubru, 2013**
**Ref: MFSA MR 08/2013**